2023/2284

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 141/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2284]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/425 tal-14 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' tranżizzjoni għall-użu ta' ċerti sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord fil-kategorija "miftuħa" u tad-data ta' applikazzjoni għal xenarji standard għal operazzjonijiet eżegwiti fi jew lil hinn mil-linja viżwali tal-vista ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66zbc (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/947) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"- **32022 R 0425**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/425 tal-14 ta' Marzu 2022 (ĠU L 87, 15.3.2022, p. 20)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/425 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2023 tat-28 ta' April 2023 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

([1]) ĠU L 87, 15.3.2022, p. 20.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2023/2264, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2264/oj.